Il-Papa jistedinna, sabiex matul ix-xahar ta' Jannar nitolbu biex iż-żgħażagħ, speċjalment fl-Amerika Latina, jimxu fuq l-eżempju ta' Marija u jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej biex iwasslu l-ferħ tal-Vanġelu lid-dinja.

Qari: *Mill-omelija ta' Papa Franġisku liż-żagħżagħ fil-Jum Dinji taż-Żagħżagħ tas-sena 2013*



F'dawn il-jiem, hawn f'Rio, stajtu tagħmlu l-esperjenza sabiħa li tiltaqgħu ma' Ġesù u, il-fatt li qed tiltaqgħu miegħu flimkien, ħassejtu l-ferħ tal-fidi. Imma l-esperjenza ta' din il-laqgħa ma tistax tibqa' magħluqa f'ħajjitkom jew fil-grupp żgħir tal-parroċċa, tal-moviment, tal-komunità tagħkom.

B'mod speċjali, nixtieq li dan il-kmand ta' Kristu: "Morru", jinħass fikom, żgħażagħ tal-Knisja fl-Amerika Latina, impenjati fil-missjoni kontinentali mnedija mill-Isqfijiet. Il-Brażil, l-Amerika Latina, id-dinja teħtieġ lil Kristu! San Pawl jgħid: "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju!" *(I Kor 9, 16).* Dan il-Kontinent laqa' l-aħbar tal-Evanġelju li mmarkat mixjietu u tat ħafna frott. Issa din l-aħbar hija afdata lilkom ukoll, biex tinstema' b'qawwa mġedda. Il-Knisja teħtieġkom, teħtieġ l-entużjażmu, il-kreattività u l-ferħ li huma l-karatteristiċi tagħkom. Appostlu kbir tal-Brażil, il-Beatu José de Anchieta, telaq lejn il-missjoni meta kellu biss dsatax-il sena. Tafu liema huwa l-aħjar strument biex tevanġelizza ż-żgħażagħ? Żagħżugħ ieħor. Din hija t-triq li tridu timxu minnha intom ilkoll!

Għeżież żgħażagħ, meta terġgħu lura fi djarkom, tibżgħux tkunu ġenerużi ma' Kristu, u tagħtu xhieda tal-Evanġelju….. Li twassal l-Evanġelju huwa li twassal il-qawwa t'Alla biex taqla' u ġġarraf il-ħażen u l-vjolenza; biex teqred u tħott il-barrieri tal-egoiżmu, tal-intolleranza u tal-mibegħda; biex tibni dinja ġdida. Għeżież żgħażagħ: Ġesù Kristu jistrieħ fuqkom! Il-Knisja tistrieħ fuqkom! Il-Papa jistrieħ fuqkom!

Mulej, inti tħobbna tassew! Fdajtilna l-ħolqien tiegħek f'idejna.
Mhux hekk biss, imma int ridt li nħobbu lil xulxin kif ħabbejtna int.
U meta tlifna t-triq li twassalna għal għandek,
bgħattilna lil ibnek il-waħdieni biex jurina t-triq,
biex hu jurina x'għandna nagħmlu biex naslu għandek
u biex inwasslu lill-oħrajn għandek.
Mulej, int fdajt lil Marija, mara bħalna, biex twettaq il-pjan tiegħek.
U issa qed tafda f'idejna biex inwasslu l-Vanġelju lill-oħrajn;
biex inwelldu u nwasslu l-imħabba lill-oħrajn;
biex inwasslu lil Ġesù fid-dinja tal-lum.
X'fiduċja għandek fina Mulej!

Ngħid il-verità, inħoss li ma tixraqlix din il-fiduċja fija,
għax jien dgħajfa u għandi elf difett!
Iżda inti Mulej, lili tgħidli: "Tibżax, inti tiegħi! Ara naqqaxtek fuq il-pala ta' idejja.
U anke jekk omm tinsa' lil binha, jien ma ninsiek qatt." *(Isaija)*
Meta kien il-Brażil, il-Papa qal liż-żagħżagħ:
*Issa din l-aħbar hija afdata lilkom ukoll, biex tinstema' b'qawwa mġedda.*
*Il-Knisja teħtieġkom, teħtieġ l-entużjażmu, il-kreattività*
*u l-ferħ li huma l-karatteristiċi tagħkom.*
Mulej nitolbuk sabiex tagħti kuraġġ liż-żagħżagħ
biex jisimgħu s-sejħa li qiegħed tagħmlilhom u sabiex fuq l-eżempju ta' Marija,
iwieġbu għas-sejħa tiegħek biex iwasslu l-ferħ tal-Vanġelu lid-dinja.
Għinhom Mulej, biex fost id-deċizzjonijiet li jridu jieħdu fil-ħajja,
ikunu kuraġġużi u jwieġbu għas-sejħa sabiħa
li jieħdu sehem fis-saltna tiegħek.
Mulej, għall-Jum Dinji taż-Żagħżagħ li se jsir iktar tard dan ix-xahar,
il-Papa għażel it-tema:
"Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skont kelmtek" *(Lq 1:38),*
Mulej, nitolbuk biex iż-żagħżagħ jagħmlu bħal Marija,
u, mimlijin bit-tama u bil-kuraġġ
jilqgħu l-grazzja li jsiru strument ta' ħajja u ta' mħabba,
biex b'hekk jgħinu lil dawk ta' madwarhom,
kif ukoll lil dawk li jinsabu fil-periferiji.
Għinhom Mulej sabiex huma jkunu kapaċi jirrikonoxxu s-sabiħ li hemm fihom
u biex jibdew il-mixja ta' fidi li, permezz tagħha, ixerrdu l-paċi u s-sliem fid-dinja.

**KANT**

Qari: *Diskors mill-Papa Franġisku waqt iż-żjara tiegħu fiċ-Ċile f'Jannar tas-sena l-oħra.*

Għeżież ħbieb, għeżież żgħażagħ, "Nitlobkom: kunu intom is-Samaritani żgħażagħ li ma tħallu lil ħadd mitluq fl-art. Mistoqsija oħra li nistedinkom twieġbu f'qalbkom: Ħallejt xi darbi lil xi ħadd mitluq fl-art? Lil xi ħadd jiġi minnek, lil xi ħabib jew ħabiba.....? Kunu Sammaritani, qatt tħallu lil ħadd mitluq fl-art. Kunu żgħażagħ Ċirinew li tgħinu lil Kristu jerfa' s-salib u taqsmu t-tbatija tal-oħrajn. Kunu bħal Żakkew li bidel l-ispiritwalità ċkejkna tiegħu f'kobor, u ħalla lil Ġesù jibdillu l-qalb materjalista tiegħu f'qalb solidali. Kunu bħaż-żagħżugħa Maddalena li tant fittxet l-imħabba, u f'Ġesù sabet it-tweġiba li kellha bżonn. Jalla jkollkom il-qalb ta' Pietru biex tħallu x-xbieki tagħkom fuq ix-xatt. Jalla jkollkom l-imħabba ta' Ġwanni biex tpoġġu l-imħabbiet tagħkom kollha f'Ġesù. Jalla jkollkom id-disponibbiltà ta' Ommna, l-ewwel dixxiplu, biex tkantaw bil-ferħ u tagħmlu r-rieda t'Alla".

Mulej, f'din is-silta l-Papa qed jistieden liż-żagħżagħ, u lilna wkoll,
biex ngħixu s-sejħa tiegħek fil-milja tagħha.
Inti ma tridniex li ningħalqu fil-kamra tagħna jew f'xi kappella
u noqogħdu nitolbu u daqshekk.
Tridna, kif jgħid il-Papa, inqumu minn fuq il-pultruna,
minn fejn inħossuna komdi, u tridna li nħammġu jdejna.
Inti m'intix qed tistenniena li nikkonvertu d-dinja f'daqqa,
imma li nibdew minn ta' madwarna,
li nkunu hemm għall-oħrajn fin-niket u fil-ferħ,
li nsabbru lil min hu mdejjaq u ngħinu lil min qiegħed ibati.
Għax, kif kienet tgħid Madre Tereża*: Mhux kulħadd jista' jagħmel affarijiet kbar.*
*Imma nistgħu nagħmlu affarijiet żgħar b'imħabba.*
Mulej, il-bniedem jiddependi minn bnedmin oħra biex ikun ferħan,
għax aħna lkoll niddependu minn xulxin,
Għalhekk Mulej nitolbuk sabiex tgħinna sabiex
inħaddnu mentalità li ngħinu u nkunu ġenerużi,
li nagħdru u naħfru bħalma kien jagħmel Ġesù,
biex b'hekk inwasslu l-ferħ tal-Vanġelu lil xulxin.
Agħti kuraġġ liż-żagħżagħ u lilna wkoll,
biex inkebbsu l-qalb tagħna ħalli tixgħel bil-fidi
u b'hekk nersqu lejn dawk ta' madwarna b'imħabba.
Agħmel Mulej li nkunu dejjem lesti biex nagħmlu r-rieda tiegħek
u biex inkunu disponibbli biex noffru sapport lil kull min għandu bżonn.
Għinna Mulej sabiex fis-skiet, nisimgħu leħnek,
u biex nagħtu widen għas-sejħa tiegħek biex nimxu warajk,
biex inkunu kuraġġużi u ngħidulek 'Iva',
biex b'hekk inkunu dejjem lesti biex ngħixu għas-servizz tal-oħrajn.
Nitolbuk Mulej sabiex tnissel fina x-xewqa li nimxu warajk,
biex ma nibżgħux nirriskjaw u biex inwarrbu l-egoiżmu tagħna
ħalli niftakru dejjem li għandna ngħixu ħajjitna kif kont tgħixha int.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbu biex iż-żgħażagħ, speċjalment fl-Amerika Latina, jimxu fuq l-eżempju ta' Marija u jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej biex iwasslu l-ferħ tal-Vanġelu lid-dinja.

Nitolbu... ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, ħafna jgħidu li ż-żagħżagħ tal-lum moħħhom biss biex jixxalaw. Mulej, għinnna nifhmu li dan mhux dejjem minnu, u xhieda ta' dan se jkunu l-eluf ta' żagħżagħ li ser jiltaqgħu mal-Papa fil-ġimgħat li ġejjin għall-Jum Dinji taż-Żagħżagħ fil-Panama. Nitolbuk Mulej sabiex tgħin liż-żagħżagħ kollha sabiex huma jkollhom il-kuraġġ li jxerrdu l-imħabba u l-kelma tiegħek ma' sħabhom iż-żagħżagħ, anke meta dawn jippruvaw jgħadduhom biż-żmien.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nirringrazzjawk ta' dawk il-ħafna żagħżagħ minn madwar id-dinja li jagħżlu li jmorru jagħmlu xogħol volontarju fost il-fqar. Agħtihom il-kuraġġ Mulej biex jifhmu li l-ħajja fiha sens meta huma jwieġbu għas-sejħa tiegħek u jgħidulek 'Iva' biex b'hekk jibqgħu joffru ħajjithom għas-servizz tal-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, il-Papa liż-żgħażagħ qalilhom: *Għeżież ħbieb, kunu kuraġġużi, morru ltaqgħu ma' ħbiebkom, ma' dawk li ma tafuhomx, jew dawk li għaddejjin minn żmien diffiċli. U morru bil-wegħda waħdanija li għandna: li nkunu fejn inkunu: fid-deżert, fit-triq, fl-avventura, dejjem ser ...... ingawdu l-kumpanija ta' Ġesù u ta' Ommu Marija.* Għinna Mulej ħalli anke aħna nisimgħu u niftakru dan il-kliem ta' Papa Franġisku, biex b'hekk nibqgħu dejjem qrib ta' Ġesù u nkunu ta' għajnuna għall-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Agħtina l-grazzja Mulej sabiex, meta forsi nitilfu dak il-kuntatt miegħek, meta nibdew naħsbu li m'għandna xejn x'nagħtu jew inħossuna mitlufin, ma naqtgħux qalbna u niftakru li kull wieħed u waħda minna għandu/ha t-tajjeb u s-sabiħ tiegħu/tagħha u li lkoll għandna xi ħaġa x'nagħtu lill-oħrajn.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk għal dawk iż-żagħżagħ li bi ħsiebhom imorru l-Panama biex jiltaqgħu mal-Papa fil-Jum Dinji taż-Żagħżagħ, sabiex imorru ppreparati biex din l-esperjenza tgħinnhom jikbru fil-fidi, u biex jilqgħu l-istedina tal-Papa biex jinfetħu iktar għall-oħrajn u jwasslu l-ferħ tal-Vanġelju kull fejn imorru.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.